**14 ta' Marzu, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Qorti

*versus*

George Galea

**Disprezz lejn l-Awtorità tal-Qorti – Skuża – Mitigazzjoni ta' Ħtija**

*Dak li għamel il-konvenut jikkostitwixxi att kontra l-liġi u jeħtieġ li kulħadd jifhem tajjeb li biex jinżamm il-buon ordni fis-soċjetà ħadd ma jista' jmur kontra l-liġi. Il-konvenut ma kellu l-ebda dritt li jinjora l-inibizzjoni tal-Qorti.*

*Fil-każ preżenti l-konvenut qiegħed jitlob skuża. Hija ġurisprudenza kostanti li għalkemm il-ħtija tibqa' t-talba għall-xi skuża tista' timmitiga l-ħtija ta' min jikkommetti atti ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni fil-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemuna fil-kompentenza superjuri bħala Qorti Ċivili fejn ġie premess illi l-konvenut naqas li jobdi l-ordnijiet mogħtija lilu bid-digiret tas-6

ta' Awissu 1986 fil-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 137/1986 fl-ismijiet "Giovanni Elia Zammit Haber u Joseph Spiteri *versus* Geogre Galea" b'liema mandat ġie inibit milli jidħol fl-art ta' l-esponenti bil-mixi jew bil-vettura u li jħott jew jaqla' xi parti mill-ħitan eżistenti fl-istess art; u ġie ordnat jidher quddiem il-Qorti biex jgħid għaliex ma għandux jiġi ddikjarat ħati ta' disprezz lejn l-Awtorità tal-Qorti u għalhekk ikkundannat għal xi waħda mill-pieni kkontemplati fl-artikolu 996 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, jew għal kull piena oħra applikabbli għall-każ skond il-liġi;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut;

*Omissis;*

Rat id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti mogħtija fl-10 ta' Settembru 1986 li biha sabet lill-konvenut ħati ta' disprezz lejn l-awtorità tagħha, disprezz kommess anke waqt li kienu qed jiġu ppreżentati rikorsi minn Giovanni Elia Zammit Haber u Joseph Spiteri, notifikati lilu u li jallegaw id-disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti, u wara li rat l-artikolu 996 tal-Kap. 15 u wara li ħadet in konsiderazzjoni; l-iskuża mogħtija mill-konvenut, ikkundannatu għall-sitt ijiem detenzjoni...*omissis...;*

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut ippreżentat fit-12 ta' Settembru 1986 li bih talab li din il-Qorti għar-raġunijiet hemm sottomessi tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fuq imsemmija ta' l-għaxra (10) ta' Settembru 1986 billi tiċħad l-akkuża jew akkużi kontra tiegħu u tilliberah minn kwalunkwe imputazzjoni u ħtija u fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju illi tirriforma l-istess sentenza billi minflok il-piena karċerarja applikata, tapplika piena oħra li tagħmel aktar

għall-każ;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Semgħet lid-difensur tal-konvenut;

Ikkunsidrat:

Il-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddilunga fuq il-kwistjoni jekk il-konvenut ikkommettiex jew le att ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti. Dan id-disprezz jirriżulta mid-deposizzjoni tiegħu stess fejn *inter alia* qal: "Jiena għalkemm ħareġ il-mandat ta' inibizzjoni u kont naf minn fejn jiena inibit li ngħaddi, jiena xorta bqajt nidħol peress li jiena deherli illi dik kienet proprjetà tal-Gvern u jiena bħala ċittadin kelli d-dritt nużaha". *Del resto* dan id-disprezz jirriżulta wkoll mill-verbal ta' l-10 ta' Settembru 1986 quddiem l-ewwel Qorti fejn il-konvenut iddikjara li jiddispjaċih u anke mill-verbal tat-2 ta' Marzu 1988 quddiem din il-Qorti fejn skuża ruħu;

Jidher minn eżami tas-sentenza appellata li l-ewwel Qorti kkunsidrat l-aġir tal-konvenut bħala ammontanti għal disporezz lejn l-Awtorità tal-Qorti fl-agħar forma tiegħu. Din il-Qorti tirritjeni li dak li għamel il-konvenut jikkostitwixxi att kontra l-liġi u jeħtieġ li kulħadd jifhem tajjeb li biex jinżamm il-buon ordni fis-soċjetà ħadd ma jista' jmur kontra l-liġi. Il-konvenut ma kellu l-ebda dritt li jinjora l-inibizzjoni tal-Qorti, qallu x'qallu ħaddieħor;

Fil-każ preżenti l-konvenut qiegħed jitlob skuża. Hija ġurisprudenza konstanti li għalkemm il-ħtija tibqa', it-talba għall-iskuża tista' timmitiga l-ħtija ta' min jikkommetti att ta' disprezz

lejn l-awtorità tal-Qorti (Ara l-Qorti *vs* Caterina Cachia, 9 ta' Marzu 1950 Qorti tal-Kummerċ, Kollez. Dec. Vol. XXXIV.III.783). Il-Qorti, wara li ħasbitha fit-tul, hi tal-fehma li fil-każ preżenti hemm lok, skond l-imsemmija ġurisprudenza, għal temperament fil-piena karċerarja imposta mill-ewwel Qorti fis-sens li dina tiġi sostitwita f'waħda pekunjarja, kif qed jitlob il-konvenut;

*Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell* billi fil-waqt li tikkonferma s-sentenza appellata inkwantu sabet lill-konvenut ħati ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti, tirrevokaha inkwantu kkundannatu għall-sitt ijiem detenzjoni u minflok tikkundanna lill-konvenut għall-piena tal-multa ta' mitejn lira Maltija (Lm200); titħallas fi żmien xahar mil-lum. F'każ ta' nuqqas ta' ħlas fit-terminu fuq imsemmi l-multa tiġi konvertita (art. 1002, Kap. 12 u art. 11(3) u 14, Kap. 9 Ediz. Riv. 1984) fi priġunerija għal żmien erbat ijiem.